# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2001**

**Numru 9**

**Avviz numru 535/01**

**Jeffrey Chetcuti**

**vs**

**Carmen Farrugia u Emmanuel Farrugia, ir-ragel tal-istess Carmen ghal kull interess li jista' jkollu**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960) rappresentanti l-bilanc dovut fuq self ta' elf lira Maltin maghmul favur Carmen Farrugia, permezz ta' skrittura datata 22 ta' April 1999.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 5 ta' April 2001 u bl-imghax legali mid-data tat-23 ta' April, 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**